TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 58/14/GB

**Jane Rapa**

**vs**

**International Trading Co. Ltd.**

Illum 21 ta' Mejju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbgha mitt Ewro (€400.00), rapprezentanti l-prezz ghal xogholijiet riparatorji fuq fridge freezer, li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema fridge freezer kienet difettuża.

Is-socjeta' ntimata ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat fridge (AEC) minghand is-socjeta' ntimata, f'Gunju 2010. Fi Frar 2013 waqfet tahdem. Is-socjeta' ntimata ma riedet bl-ebda mod tirrikumpensa lir-rikorrenti, ghalkemm il-fridge kienet ghadha taht il-garanzija.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienet xtrat il-fridge freezer fl-24 ta' April 2010. Fi Frar 2013, ir-rikorrenti kienet ilmentat li l-fridge freezer ma kienetx qieghda tkessah xejn, ghalhekk is-socjeta' ntimata baghtet lit-tekniku sabiex ikun jista' jistabbilixxi x'kienet il-hsara.

It-tekniku mar fuq il-post u hemmhekk sab:

1. il-pajpijiet tal-condenser kienu msaddin

2. taht il-fridge kien miksi bis-sadid

3. il-lastiku tal-fridge freezer kienet imqatta

4. żewġ kxaxen u xkaffa kienu mkissrin

L-ewwel żewġ punti msemmija gew ikkawżati minhabba l-fatt li il-fridge freezer kienet imqieghda f'semi basement fejn kien hemm hafna umdita'. L-umdita' tal-post ikkawża dan is-sadid.

Filwaqt li l-ahhar żewġ punti imsemmija, il-hsara kienet ikkawżata mir-rikorrenti stess.

Il-fridege freezer tar-rikorrenti kienet iddahlet fil-wokshop tas-socjeta' ntimata ghat-tiswijiet u hawnhekk hija tat lir-rikorrenti stima ta' l-affarijiet kollha li kellhom bżonn jitranġaw jew jinbidlu. L-ammont ta' din l-istima kienet titla' ghal erbgha mija u sittin Ewro (€460.00).

Fil-garazija hemm indikat li:

1) il-garanzija hija dik ta' European guarantee li hija valida ghal 24 xahar. Il-garanzija tkopri wkoll il-mutur tal-fridge freezer ghal 3 snin. (Il-hsara tal-fridge freezer tar-rikorrenti m'hijiex koperta taht il-garanzija ghax kienu qabżu l-24 xahar).

Wara li s-socjeta' ntimata tat l-istima lir-rikorrenti, hija rrifjutat li ssewwi u baghtet il-courier ghall-fridge freezer. Sakemm il-fridge freezer kienet fil-workshop ma kien hemm l-ebda hsara fil-mutur.

Is-socjeta' ntimata tiġbed l-attenzjoni li l-persuna li ntbaghtet ghall-fridge freezer (il-courier) ma kellux il-vettura tieghu adattata ghall-garr ta' fridge freezers, ir-raguni hija ghaliex huwa importanti li jitqieghdu f'pozizzjoni vertikali. Fil-fatt kien van maghluq u l-fridge freezer ma setghatx titqieghed kif suppost. Ghalkemm it-tekniku tas-socjeta' ntimata insista li l-fridge freezer ghandha titqieghed f'pozizzjoni wieqfa, il-courier ghamel il-fridge freezer minduda u b'din il-pozizzjoni steghat inholqot il-problema fil-mutur, kif qed tivverifika r-rikorrenti (it-tekniku tas-socjeta' ntimata ma kienx iccekja dan l-ilment).

Is-socjeta' ntimata mxiet mat-termini u kundizzjonijiet li jinsabu fil-garanzija tal-kumpanija.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha mil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet tliet (3) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.IT1, Dok.IT2 u Dok.IT3.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ma jistax ma josservax in-nuqqas ta' kredibbilita' tar-rikorrenti, illi fix-xhieda guramentata taghha u fuq domandi tat-Tribunal stess, insistiet fuq ċertu fatti, pero' wara li xehdet is-socjeta' ntimata, bdiet tbiddel il-verzjoni oriġinali taghha. Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament car illi s-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumatur, u li l-hsarat li soffriet il-fridge freezer in kwistjoni, liema hsarat kienu jirrikjedu ċertu x-xogholijiet riparatorji, ma kienux ghadhom koperti bil-garanzija. Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**